MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1232/2000/1

**Maria Fenech personalment kif ukoll b' digriet tal-Qorti tal-11 ta' Settembru 2000 giet nominata bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri George Fenech**

**vs**

**Andrew Fenech**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta' Gunju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi, il-kontendenti konjugi Fenech izzewgu f' Malta fis-27 ta' Ottubru, 1968 Dok. "A";

Illi miz-zwieg taghhom, il-konjugi Fenech ghad ghandhom iben minuri, u cioe' George ta' hmistax-il (15) sena;

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli, u dana peress illi l-konvenut Andrew Fenech irrenda ruhhu hati lejn l-attrici Maria Fenech ta' theddid, sevizzji, ingurji, mohqrija u swat;

Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibli w iz-zwieg tkisser irrimedjabilment;

Illi b'Digriet Numru 479/00 Dok. “B”, datat 30 ta' Mejju 2000 moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili wara rikors tal-attrici, l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega skond il-ligi biex tipprocedi b' din il-kawza;

Illi, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *“a mensa et thoro”* bejn il-kontendenti konjugi Fenech, u dana minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut u tawtorizza lill-attrici tghix separata minn ma' zewgha;

2. Ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;

3. Tafda l-kura u l-kustodja tal-iben minuri George Fenech unikament f'idejn l-attrici u dana fl-ahjar interess tat-tifel;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha personalment kif ukoll ghal binha minuri George Fenech dik ir-retta alimentarja li tigi stabbilita' minn dina l-Onorabbli Qorti b' dawk il-modalitajiet opportuni, inkluz iz-zieda fl-gholi tal-hajja minn zmien ghal zmien;

5. Tordna illi l-attrici jkollha dritt eskluziv li tirresjedi fil-fond 56, Thank God, Winter Street, Qormi u lill-konvenut biex jallontana ruhhu mill-imsemmija dar konjugali;

6. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

7. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti skond il-ligi u taqsamha f' zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn dina l-Qorti *in vista, inter alia*, tad-data tal-akkwisti tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita' minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda b' tali mod illi jekk ikun il-kaz il-konvenut jitlef kull jhedd li ghandu ghall-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-attrici;

8. Tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut *okkorendo* bin-nomina ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u nomina ta' nutar biex jippbulika l-atti opportuni u nomina ta' kuraturi biex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

9. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsjena lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Qorti l-oggetti kollha dotali u parafernali tal-attrici u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat *okkorendo* minn perit nominandi;

10. Tapplika kontra l-konvenut, interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili** u tghati lill-attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut Andrew Fenech li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ir-rikors ta' Maria Fenech, datat 6 ta' Gunju 2000, fejn talbet bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tinnomina lill-esponenti bhala kuratrici *ad litem* sabiex tirraprezenta lil binha minuri George Fenech fl-atti kollha tal-kawza fuq imsemmija u fl-atti kollha l-ohra relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet tal-20 ta' Gunju 2000, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti b' erbat ijiem ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 11 ta' Settembru 2000, fejn fin-nuqqas ta' risposta l-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Andrew Fenech datata 31 ta' Jannar 2001 a fol. 18 tal-process fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti jaqbel illi ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni bejnu u bejn martu *stante* li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment tort unikament ta' martu l-attrici;

2. Illi mhux minnu illi l-eccipjenti rrenda ruhu hati ta' dak allegat mill-attrici u cioe ta' theddid, sevizzji, ingurji u swat;

3. Illi l-htija tat-tifrik taz-zwieg tal-kontendenti hija imputabbli unikament lill-attrici u dana *stante* eccessi, sevizzi w ingurji gravi da parti taghha, kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi ghar-rigward it-talba fit-tielet paragrafu tac-citazzjoni, l-eccipjenti umilment jissottemetti illi jkun utli illi din l-Onorabbli Qorti tisma' x-xhieda tal-istess ibnu George Fenech, *stante* illi huwa ghandu iktar minn erbatax-il (14) sena u ghalhekk ghandha tikkunsidra kemm ix-xewqat kif ukoll l-ahjar interess tieghu;

5. Illi l-eccipjenti jopponi ghat-talba fil-hames paragrafu tac-citazzjoni, *stante* illi fl-ewwel lok, ma tezisti l-ebda gurstifikazzjoni sabiex huwa jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti illi jallontana ruhu mid-dar matrimonjali, u fit-tieni lok, huwa m'ghandux akkommodazzjoni alternattiva;

6. Illi l-eccipjenti jopponi ghat-talba fir-raba' (4) paragrafu tac-citazzjoni in kwantu qieghed jintalab

manteniment ghall-attrici, *stante* illi hija f' sahhitha u kapaci tahdem sabiex tmanti lilha nnifisha;

7. Illi ghal dak li jirrigwarda t-talbiet l-ohra, l-eccipjenti jopponi ghalihom in kwantu dawn jirreferu ghal xi htijiet imputabbli lill-istess eccipjenti *stante* illi z-zwieg tfarrak tort unikament tal-attrici u mhux ghal xi htija imputabbli lill-istess eccipjenti;

8. Illi kontestwalment mal-prezenti l-eccipjenti qieghed jipprezenta debita kontro-talba;

9. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 19 u fol. 20 tal-process.

Rat il-**kontrotalba** tal-konvenut rikonvenzjonat Andrew Fenech a fol. 21 u fol. 22 tal-process fejn ppremetta :-

Illi huwa kien qieghed jipprevalixxi ruhhu mill-beficcju lilu moghti *a tenur* tal-**artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** u kien qed jaghmel din il-kontrotalba;

Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Ottubru 1968;

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom erba' t'itfal li minnhom iz-zghir George Fenech ghadu minuri u ghandu hmistax-il (15) sena;

Illi l-attrici rikonvenzjonata rrendiet ruhha hatja fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonat ta' eccessi, sevizzi, ngurji gravi b'mod li z-zwieg tkisser irremedjabilment, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut rikonvenjonat ghandu d-dritt *a tenur* tal-**artikolu 37 (3) tal-Kap 16 tal-Ligijet ta' Malta** illi jipprocedi ghal din il-kawza ta' firda personali minn ma' martu l-attrici rikonvenzjonanta in forza ta' digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Mejju 2000.

Illi ghalhekk l-istess konvenut talab lill din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba eccessi sevizzi w ingurji gravi kommessi mill-attrici rikonvenzjonata fil-konfront tal-konvenut rikonvenzjonant u kif ukoll minhabba illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-attrici rikonvenzjonata;

2. Tapplika kontra l-istess attrici rikonvenzjonata l-effetti tal-**artikolu 48 u 50 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. Tawtorizzah jibqa' jirrisjedi fir-dar matrimonajli 56, "Thank God", Winter Str. Qormi;

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;

5. Tillikwida w ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezisteni bejn il-kontendenti *okkorrendo* bil-hatra ta' periti nominandi u tassenja parti lill-konvenut rikonvenzjonant u parti lill-attrici rikonvenzjonata mhux necessajrament f' porzjonijiet ugwali u b' rizerva ghal kwalunkwe ordni li tista' taghti dina l-Onorabbli Qorti *in vista* tal-**artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

6. Tassenja dawn iz-zewg porzjonijiet wahda lill-konvenut rikonvenzjonant u l-ohra lill-attrici rikonvenzjnata u tinnomina nutar biex jippubblika l-atti opportuni u kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

7. Tikkundanna lill-attrici rikonvenzjonata fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti l-oggetti kollha parafernali tal-konvenut rikonvenzjonat u fin-nuqqas tigi kkundannata thallas lill-konvenut rikonvenzjonant il-valur taghhom kif jigi likwidat *okkorrendo* bil-hatra ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzjonata li hija ngunta minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonat u l-lista tax-xhieda a fol. 22 u fol. 23 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Maria Fenech ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut, datata 6 ta' Frar 2001, a fol. 25, fejn eccepit bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut jahti unikament ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-kontendenti w in partikolari l-konvenut huwa hati lejn l-eccipjenti ghall-mohqrija, swat, theddid u eccessi tant illi l-eccipjenti gja talbet lil dina l-Onorabbli Qorti li hija tigi awtorizzata tghix fid-dar konjugali *ad eskluzjoni* tal-konvenut;

2. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici rikonvenzjonata w il-lista tax-xhieda a fol. 26 tal-process.

Rat il-verbal minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo datat 6 ta' Frar 2001 fejn innominat lil Dr. Monica Borg Galea bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Monica Borg Galea fid-29 ta' Marzu 2001 fejn ma' sar xejn u fl-1 ta' Gunju 2001 fejn xehed Edwin Bartolo fejn esbixxa a fol. 34 u 35 tal-process l-*levies* tal-konvenut u l-introjtu tieghu f'pagamenti ghas-sena 2000 u 2001.

Rat il-verbal datat 13 ta' Gunju 2001, fejn Dr. Tania Sciberras Camilleri ghall-konvenut infurmat lil Qorti li l-provi qed jingabru.

Rat ir-rikors tal-attrici Maria Fenech datat 11 ta' Lulju 2000 li gie degretat fit-30 ta' Lulju 2001 minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri giet fdata f'idejn l-omm, fejn l-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' Lm20 bhala manteniment ghall-minuri, u fejn ordnat lil-

konvenut jallonta ruhhu mid-dar matrimonjali minhabba li kien vjolenti lejn marti (fol. 49 – 51 tal-process tar-rikors).

Rat il-verbal datat 19 ta’ Novembru 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru minkejja li kien hemm tentattiv ta’ separazzjoni konsenswali.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 8 ta’ Awissu 2001, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti biex joghgobha tgholli l-manteniment pagabbli lill-esponenti sabiex hija tkun f’ posizzjoni li tikri fond iehor fejn tkun tista’ tabita, u tiffissa meta l-istess ammont hekk iffissat ghandu jithallas mill-intimat lill-esponenti.

Rat id-digriet datat 16 ta’ Novembru 2001, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti b’ erbat ijiem ghar-risposta.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Monica Borg Galea fit-13 ta’ Novembru 2001 fejn ma’ sar xejn u fl-4 ta’ April 2002 fejn xehdet l-attrici, minn fol. 43 sa fol. 49 tal-process.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 10 ta’ April 2002, fejn gie ordnat lil din l-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta ghat-3 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Ottubru 2002, fejn Dr. Tania Sciberras Camilleri rrinunzjat mill-patrocinju tal-konvenut. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjaru Dr. Monica Borg Galea biex tiffissa tlett seduti (3) ghall-provi kollha attrici.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Monica Borg Galea fit-12 ta’ Novembru 2002 fejn ma’ sar xejn.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 15 ta’ Novembru 2002, fejn talbet bir-rispett lil din i-Qorti biex joghgobha tordna lill-konvenut biex jghati l-access lil Perit Edwin Abela u lill-attrici sabiex jidhlu fil-fond f’ Dun Mario Str. Qormi u fir-razzett maghruf bhala Cekcek Farm, tal-Hlas Road,

Qormi, halli l-istess perit ikun f' posizzjoni li jaghmel stima u deskrizzjoni tal-fondi fuq imsemmija.

Rat id-digriet datat 18 ta' Novembru 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet moghti fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2003

Rat ir-rikors tal-konvenut Andrew Fenech datat 29 ta' Novembru 2002, fejn talab umilment lil din il-orti biex jitnehhilu l-obbligu li jghati manteniment lill-martu specjalment meta hi stess qieghda tahdem il-gimgha kollha bhala seftura u ghandha wkoll t-tlett itfal jahdmu wkoll.

Rat id-digriet datat 3 ta' Dicembru 2002, fejn giet ordnata n-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' Maria Fenech datata 9 ta' Jannar 2003.

Rat id-digriet datat 13 ta' Jannar 2003, fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat is-seduta mizmuma qudddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Monica Borg Galea fid-9 ta' Jannar 2003 fejn ghal darba ohra ma' sar xejn (fol. 61).

Rat ir-rikors datat 14 ta' Frar 2003, fejn l-attrici talbet bir-rispett illi dina l-Qorti joghgobha tinnomina perit arkitett sabiex jaghmel stima tal-proprjeta' immobbiljari appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti.

Rat id-digriet datat 17 ta' Frar 2003, fejn il-Qorti ordnat lill-attrici sabiex b'nota fi zmien jumejn tindika l-istess immobbli, bin-notifika kemm tar-rikors u kemm tan-nota lill-kontroparti li jkollu jumejn zmien ghar-risposta.

Rat in-nota tal-attrici Maria Fenech datata 28 ta' Frar 2003, li permezz taghha ndikat liema proprjeta' jehtieg tigi stimata u din konsistenti fir-razzett f'Haz Zebbug, fi Flora

Flats 1 u 2, Triq Stagno, Qormi; 56, Thanks God, Winter Street, Qormi, Borg House, Dun Mario Street, Qormi, kollox a fol. 68 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma qudddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Monica Borg Galea fis-27 ta’ Frar 2003 a fol. 64 fejn ma’ sar xejn ghal darba ohra.

Rat ir-rikors tal-attrici Maria Fenech datat 28 ta’ Frar 2003, fejn talbet bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha testendilha z-zmien ghall-konkluzjoni tal-provi taghha u tawtorizza lill-Assistent Gudizzjarju tiffissa zewg seduti ohra ghall-produzzjoni tal-provi tal-attrici.

Rat id-digriet datat 3 ta’ Marzu 2003, fejn il-Qorti rat li fis-seduti ffissati mill-Assistent Gudizzjarju ma kien sar xejn. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa tlett (3) seduti ghall-provi attrici li kien ghad fadal, b’dan li wara tali seduti l-provi attrici gew dikjarati maghluqa.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Marzu 2003, fejn Dr. Robert Tufigno nforma lil Qorti li kellu bzonn zewg seduti biex jaghlaq il-provi kollha tieghu. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex izomm zewg seduti. Dr. Angelo Farrugia ghall-konvenut ta ruhu b’notifikat bir-rikors tal-attrici ghal nomina ta’ Perit Tekniku sabiex jaghmel stima tal-immobbli ndikati b’ nota tat-28 ta’ Frar 2003. *In vista* ta’ dan il-Qorti laqghat it-talba u nominat lil Perit Valerio Schembri biex jaghmel tali stima. Dr. Robert Tufigno *in vista* tad-digriet odjern irrinunza ghar-rikors tal-15 ta’ Novembru 2002.

Rat il-verbal datat 7 ta’ Mejju 2003.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea fit-23 ta’ April 2003 fejn xehed il-konvenut minn fol. 78 sa fol. 98 tal-process u tas-27 ta’ Mejju 2003 fejn xehed Lawrence Formosa fejn jirrizulta li l-istess konvenut ghandu kwota ta’ hamsin majjal fix-xahar.

Rat ir-rikors tal-konvenut Andrew Fenech datat 28 ta’ Mejju 2003 (fol.100), fejn talab umilment lil din il-Qorti biex tirrivedi digriet moghti fit-30 ta’ Lulju 2001, anke jekk *per lo meno* l-Qorti tordna illi l-esponenti jinghata l-fakolta’ illi jghix gewwa wiehed mill-appartamenti gewwa Hal-Qormi, li huma formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Rat id-digriet datat 29 ta’ Mejju 2003, fejn il-Qorti orndnat in-notifika lill-kontroparti b’ zmien jumejn ghar-risposta. U ordnat lill-konvenut biex jipprezenta l-affidavit tieghu fi zmien tlett (30) gurnata.

Rat ir-risposta ta’ Maria Fenech datata 7 ta’ Lulju 2003.

Rat in-nota tal-konvenut datat 28 ta’ Lulju 2003 li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu stess, li jinsab minn fol. 109 sa fol. 112 tal-process u fejn indika wkoll l-konsistenza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Rat id-digriet datat 30 ta’ Lulju 2003, fejn il-Qorti konfermat id-digriet tat-30 ta’ Lulju 2001 u ordnat lir-rikorrent jaderixxi ruhu mad-digriet ta’ manteniment. Il-Qorti awtorizzat lill-konvenut biex jghix f’ wiehed mill-flats f’ Hal-Qormi, b’ dan li qabel jaghmel dan il-konvenut kellu juri lil Qorti li hallas il-manteniment kollu dovut lill-attrici *pendente lite.*

Rat il-verbal datat 4 ta’ Gunju 2003, fejn Dr. Ramona Piscopo nfurmat lill-Qorti li l-attrici qed tbaghti biex thallas lill-Perit Tekniku ghaliex ghandha biss introjtu ta’ erbghin lira (Lm 40) fil-gimgha u li l-provi attrici jinsabu maghluqa. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b’ terminu ta’ hamsin (50) jum. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex tiffissa tlett (3) seduti ghall-konkluzzjoni provi tal-konvenut.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea fl-10 ta’ Gunju 2003 fejn xehed Joseph Frendo u l-konvenut, fit-30 ta’ Gunju 2003 fejn xehed Joseph Frendo, fil-21 ta’ Lulju 2003 u fil-31 ta’ Lulju 2003 fejn ma’ sar xejn u s-seduti kollha huma minn fol. 121 sa fol. 129.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 5 ta' Awissu 2003, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex tordna li l-ammont dovut lill-perit tekniku jigi mhallas miz-zewg partijiet bejniethom, nofs kull wiehed.

Rat id-digriet datat 8 ta' Awissu 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Monica Borg Galea fil-31 ta' Ottubru 2003 fejn xehdu Edwin Delceppo bhala rapprezentat tal-Lombard Bank (Malta) plc minn fol. 139 sa fol. 156 tal-process; Paul Gambina ghan-nom tal-BOV plc minn fol. 156 sa fo.. 157; Catherine Fenech ghan-nom tal-HSBC (Malta) plc; Sammy Nichol bhala rapprezentat tal-APS Bank; l-attrici minn fol. 189 sa fol 205 tal-process.

Rat il-verbal datat 23 ta' Ottubru 2003.

Rat ir-rikors ta' l-Perit Valerio Schembri, datat 13 ta' Novembru 2003, li permezz tieghu informa lil Qorti li huwa kien ghadu ma thallasx u b' hekk talab bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex taghti dawk il-provvedimenti xierqa w opportuni.

Rat il-verbali datati 8 ta' Jannar 2004 u 18 ta' Frar 2004.

Rat il-verbal datat 23 ta' Marzu 2004, fejn il-Perit Tekniku halef ir-rapport. Dr. Graziella Bezzina talbet li tesebixxi dokumenti, filwaqt li Dr. Ramona Piscopo oggezzjonat peress li l-konvenut inghata diversi opportunitajiet biex irressaq tali dokumenti. Il-Qorti cahdet it-talba. Il-Qorti ddiferixxiet il-kawza sabiex kull parti tindika b' mod car, il-pretensjonijiet taghha f' din il-kawza.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri minn fol. 214 sa fol. 240 tal-process.

Rat il-verbal datat 18 ta' Mejju 2004, fejn Dr. Piscopo prezentat nota b' kopja lill-kontroparti. Dr. Farrugia talab li jesebixxi dokument dwar id-dejn tax-xoghol tal-konvenut. Dr. Piscopo tirrileva li dan id-dejn kollu sar wara l-2000. Il-

Qorti laqghat it-talba u tat il-fakolta' lill-konvenut biex jipprezenta nota responsiva fi zmien erbghin (40) gurnata. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta' Dicembru 2004.

Rat id-dokumenti esebiti minn Dr. Angelo Farrugia.

Rat in-nota esebitha minn Dr. Ramona Piscopo.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut datata 28 ta' Gunju 2004, minn fol. 263 sa fol. 268 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attrici Maria Fenech datat 5 ta' Lulju 2004, fejn talbet umilment li *in vista* tal-fatt li gew prodotti provi godda wara li l-attrici kienet ipprezentat in-nota taghha, l-esponenti umilment talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha tipprezenta nota risponsiva ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut.

Rat id-digriet datat 7 ta' Lulju 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba, b' dan li tali nota kelli tigi prezentata sal-ahhar ta' Lulju 2004, b' kopja lill-kontroparti.

Rat in-nota tas-sottomissjonijiet ulterjuri tal-attrici datata 30 ta' Lulju 2004.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijet ilhom mizzewgin mis-27 ta' Ottubru 1968 u kellhom sitt itfal li llum huma kollha kemm huma maggorenni u mill-provi prodotti mill-attrici jirrizulta li dan iz-zwieg tfarrak minhabba li l-konvenut irrenda ruhhu hati *verso* l-attrici ta' sevizzi, theddid u ingurji gravi li rrendew il-hajja konjugali bejn il-partijiet impossibbi; fil-fatt jidher car mix-xhieda kollha prodotta li l-istess konvenut kien jittratta lill-attrici bhala sokkombenti ghalih u kien jaghmel dak li jrid huwa, bla ma' jikkonsulta xejn ma' martu, u addirittura kien ikecciha l'hemm; dan l-attagament tieghu baqa' persistenti anke tul l-istess kawza odjerna, tant li hemm diversi ezempji tal-

mod hazin li l-istess konvenut kien jittratta lil-attrici – tant li b'digriet *pendente lite* moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fit-30 ta' Lulju 2001 l-istess konvenut kien ordnat jabbanduna d-dar konjugali minhabba atti ta' vjolenza minnhu perpetwata', ordni li l-istess konvenut dam ma esegwixxa; atti ta' vjolenza li gew kkoroborati mix-xhieda ta' binhom George Fenech; apparti dan ma' hemm l-ebda dubju wkoll li l-istess konvenut ghandu l-vizzju tal-loghob, u jirrrizulta li regolarment involut f'loghob fuq it-tigrijiet taz-zwiemel kif jirrizulta wkoll fis-seduta tat-23 ta' April 2003 a fol. 81 tal-proccess.

Illi mhux hekk biss izda mix-xhieda ta' Joseph Frendo moghtija fit-30 ta' Gunju 2003 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja jirrizulta ampjament li anke waqt il-morita' din il-kawza l-istess konvenut kien qed jippresta ruhha ghall-manuvri sabiex l-istess attrici ma tircevhiex l-manteniment *pendente lite* ordnat mill-Qorti, tant li fix-xahar meta kellha tithallas l-attrici huwa ma' qatilx majjali sabiex l-istess attrici ma' tkunx tista' tihallas (fol.127); l-iskop tal-konvenut anke waqt il-kawza w anke waqt is-sottomissjonijiet tieghu, kien ukoll li jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti b'diversi debiti, fejn minkejja li jidher li kellu introjtu tajjeb mill-hidma tieghu, halla diversi debiti jakkumolaw, proprju sabiex innqqas il-valur ta' l-istess komunjoni, filwaqt li pprezenta diversi dokumenti sabiex jzied il-passiv ta' l-istess komunjoni, li huma inverita dovuti minn persuni ohra u mhux mill-konvenut, biex b'hekk qed jittanta jisvija lil din il-Qorti. Fil-fatt jekk wiehed ihares lejn id-dokument a fol. 242 tal-process fejn l-istess konvenut indika diversi allegati debiti tal-komunjoni tal-akkwisti, wiehed mill-ewwel jinnota li tali debiti jirreferu ghall-perjidu wara s-sena 2000 u cioe' wara li l-attrici bdiet l-proceduri ta' separazzjoni kontra l-konvenut b'atti gudizzjarji appositi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili f'Marzu 2000.

Illi fil-fatt esebixxa kontijiet tal-VAT numru 1255 – 1337 li jappartjenu lill-kumpanija Fen Breeders Limited u l-istess japplika ghad-dokument tat-taxxa esebiet bhala Dok. "Z 6"; fl-istess waqt gie esebiet kont tal-Water Services u Enemalta Corporation ghall-konsum ta' dawl u ilma fil-

fond 61, Triq il-Kbira, Qormi, fond li ma' jidhirx li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Certament li dan juri *mala fede da parte* tal-konvenut u certament li dan mhux il-mod li persuna ghandha timxi ma' ohra u lanqas il-mod li persuna ghandha tirregola ruhha waqt il-proceduri tal-Qorti. Certament li dan kollu jaffetwa serjament il-kredibilita' tal-persuna li timxi b'dan il-mod, u dan apparti l-fatt li n-nota indikata mill-konvenut u esebita fit-18 ta' Mejju 2004, bl-ebda mod ma giet sostanzjata, u l-istess dokumenti hemm annessi lanqas gew kkonfermati skond il-ligi. Il-konvenut akkuza lill-attrici bi hbiberija ma' certu Pawlu li bl-ebda mod ma giet ippruvata u wisq inqas korroborata u sostanzjata.

Illi mill-komportament tal-konvenut waqt il-kawza jidher car li l-konvenut ghamel minn kollox waqt il-mori tal-kawza sabiex jivvantaga anke ruhhu mis-sitwazzjoni li sfortunatement kienu ghaddejjin minnha l-partijiet

Illi dwar il-komunjoni tal-akkwisti din il-Qorti tordna x-xoljiment ta' l-istess b'effett mid-data tat-2 ta' Marzu 2000 u ghar-rigward tad-divizzjoni ta' l-istess, apparti li timxi fuq il-valutazzjonijiet tal-immobbli maghmula mill-Perit Arkitett Valerio Schembri minnha nominat, u filwaqt li hadhet in konsiderazzjoni s-suggerimenti rispettivi tal-partijiet fin-noti ta' osservazjonijiet rispettivi taghhom, u dan pero' fid-dawl tal-provi prodotti skond il-ligi, din il-Qorti *arbitro boni viri* tiddividi u tassenja l-istess komunjoni tal-akkwisti bil-mod sewgenti:-

Illi l-attrici ghandha tigi assenjata d-dar matrimonjali bl-isem *"Thank God",* 56, Triq ix-Xitwa, Qormi tal-valur ta' Lm68,000 flimkien mal-kcina, u l-oggetti kollha ta' gjo fiha, l-kamra tas-salott ta' taht it-tarag u l-entrata u l-main bedroom u l-ghamara kollha indikata u deskritta fl-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni Numru 2514/2001 li kopja tieghu tinsab fl-atti tal-process. Kull dejn li sar personalment mill-attrici wara Marzu 2000 ghandu ovvjament jithallas minnha.

Illi l-konvenut ghandu jigi assenjat l-flats 30, Flora Flats, 1 u 2 Stagno Street, Qormi, tal-valur komplessiv ta'

Lm50,000, u l-fond 53 Dun Marju Street, Qormi tal-valur ta’ Lm15, 000, biex b’hekk il-konvenut qed jigi assenjat valur ta’ immobbli fl-ammont ta’ Lm Lm65,000. L-ghamara kollha li tinsab fl-istess fondi assenjati lill-konvenut qed tigi assenjata wkoll lill-konvenut, flimkien mal-karozzi indikati mill-konvenut a fol. 112 tal-process konsistenti f’Volvo GAB – 117 bid-dejn kollha taghha u l-vettura Toyota. Qed jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet kollha ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** u d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi kkunsidrat li ta lok ghall-firda personali hija dik ta’ Marzu 2000.

Illi l-fond immobbli “Cekcek Farm”, Tal-Hlas Road, Zebbug stmat li jiswa l-ammont ta’ Lm180,000 u n-negozju bhala *business concern* (inkluza l-licenzja ghall-kwota tal-qtil tal-majjali) ghandu jinbieghu permezz tal-procedura tas-subasta, b’dan li mir-rikavat l-ewwel jithallas kull dejn relatatt man-negozju li kien jezisti qabel Marzu 2000, u l-bilanc mir-rikavat imbaghad jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Kull dejn tan-negozju li sar fil-mori tal-kawza u tal-proceduri tas-separazzjoni anke quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili ghandhom jithallsu mill-konvenut esklussivament *stante* li huwa zamm l-introjtu kollu mill-istess negozju ta’ qtil tal-majjali li kif jirrizulta mill-atti proceswali huwa wiehed sostanzjali u hallas biss lill-attrici l-manteniment moderat ordnat li jithallas mill-Qorti *pendente lite.*

Illi dwar kontijiet bankarji dawn ghandhom jibqghu fil-pussess tal-persuna li ghandha tali depozitu bankarju llum, b’dan li jekk hemm xi depozitu bankarju f’isem kongunt taz-zewg partijiet dan ghandu jinqasam bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Illi dwar manteniment lill-attrici mill-konvenut *in vista* ta’ dan kollu ghandu jkun kif inhu attwalment ta’ erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha, li ghandu jithallas lill-attrici b’effett mid-data tas-sentenza mill-konvenut kull erba’ gimghat bil-quddiem u ghandhu jinbaghat lill-attrici fir-residenza taghha mill-istess konvenut. Sabiex waslet ghal din ir-rata din l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-assenjazjoni fuq indikata, u l-fatt li l-attrici stess

ipproponiet li tibqa' b'tali rata, ghalkemm jidher li l-introjtu attwali tal-konvenut, anke jekk waqt il-mori tal-kawza jidher li pprova jnaqqsu huwa wiehed sostanzjali tant li huwa stess jghid li ghas-sena 2000 thallas Lm33,299.90; fis-sena 2001 – Lm29,943.67; fis-sena 2002 – Lm18,289.93, u fis-sena 2003 Lm11,151.74 filwaqt li jekk wiehed ihares lejn id-dokumenti ta' l-istess Koperattiva Ta' Min Irabbi l-Majjali Ltd (dok. "KIM" sa dok. "KIM 5" jirrizulta li l-hlasijiet inkluzi sussidji li saru lill-konvenut kienu wkoll izjed.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici** *stante* li George Fenech huwa llum maggorenni, u **tichad id-disa' talba attrici** minhabba nuqqas ta' provi, **tilqa' talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz, b'dan illi:-**

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *"a mensa et thoro"* bejn il-kontendenti konjugi Fenech, u dana minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut konsistenti f'theddid, ingurji gravi, sevizzi, mohqrija u swat, b'dan li rrenda l-hajja bejn il-konjugi Fenech impossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment, kawza ta' l-istess agir illegali tal-konvenut,

2. Ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u anke ta' dak indikat fl-**artikolu 48 tal-Kap 16** tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda bhala dik ta' Marzu 2000;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-iben minuri George Fenech huwa llum maggorenni;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha personalment l-ammont ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha, li ghandu jithallas lill-attrici b'effett mid-data tas-sentenza mill-konvenut kull erba' (4) gimghat bil-quddiem

u ghandu jinbaghat lill-attrici fir-residenza taghha mill-istess konvenut;

5. Tordna illi l-attrici jkollha dritt eskluziv li tirresjedi fil-fond 56, Thank God, Winter Street, Qormi u dan anke ghaliex l-istess fond qed jigi assenjat lill-attrici u tordna li konvenut jallontana ruhhu mill-imsemmija dar konjugali, haga li gja fil-fatt ghamel anke minhabba d-digrieti tal-Qorti *pendente lite*;

6. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett minn Marzu 2000;

7. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti skond il-ligi u dan bil-mod segwenti anke kif spjegat fid-dettal iktar il-fuq f''din id-decizjoni, b'dan illi:-

Illi l-Qorti tassenja lill-attrici eskussivament id-dar li kienet matrimonjali bl-isem *"Thank God",* 56, Triq ix-Xitwa, Qormi tal-valur ta' tmienja u sittin elf lira (Lm68,000) flimkien mal-kcina, u l-oggetti kollha ta' gjo fiha, l-kamra tas-salott ta' taht it-tarag u l-entrata u l-*main bedroom* u l-ghamara kollha indikata u deskritta fl-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni Numru 2514/2001 li kopja tieghu tinsab fl-atti tal-process, liema ghamara tinsab fl-istess fond. Kull dejn li sar personalment mill-attrici wara Marzu 2000 ghandu ovvjament jithallas minnha;

Illi l-Qorti qed tassenja lill-konvenut il-flats 30, Flora Flats, 1 u 2 Stagno Street, Qormi, tal-valur komplessiv ta' hamsin elf lira (Lm50,000), u l-fond 53 Dun Marju Street, Qormi tal-valur ta' hmistax-il elf lira (Lm15, 000), biex b'hekk il-konvenut qed jigi assenjat valur ta' l-immobbli fl-ammont ta' hamsa u sittin elf lira (Lm65,000). L-ghamara kollha li tinsab fl-istess fondi assenjati lill-konvenut qed tigi assenjata wkoll lill-konvenut, flimkien mal-karozzi indikati mill-konvenut a fol. 112 tal-process konsistenti f'Volvo GAB – 117 bid-dejn kollha taghha u l-vettura Toyota;

Illi din il-Qorti tordna wkoll li l-fond immobbli "Cekcek Farm", Tal-Hlas Road, Zebbug u n-negozju bhala *business concern* (inkluza l-licenzja ghall-kwota tal-qtil tal-

majjali) ghandhom jinbieghu permezz tal-procedura tas-subasta, b'dan li mir-rikavat ta' l-istess bejgh l-ewwel jithallas kull dejn relatatt man-negozju li kien jezisti qabel Marzu 2000, u l-bilanc mir-rikavat imbaghad jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Kull dejn tan-negozju li sar fil-mori tal-kawza u tal-proceduri tas-separazzjoni anke quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u dan b'effett mix-xahar ta' Marzu 2000 ghandhom jithallsu mill-konvenut esklussivament, b'dan li tali dejn qed jibqa' karigu esklussiv tal-konvenut ghar-ragunijiet ukoll fuq spjegati;

Illi dwar kontijiet bankarji dawn ghandhom jibqghu fil-pussess tal-persuna li ghandha tali depozitu bankarju llum, b'dan ukoll li jekk hemm xi depozitu bankarju f'isem kongunt taz-zewg partijiet dan ghandu jinqasam bin-nofs bejn iz-zewg partijiet;

8. Tordna li ssir l-assenjazjoni fuq indikata u tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jippublika l-att opportun u l-Avukat Dr. Anna Mallia sabiex tirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att u tordna li l-istess att ghandu jsir f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, Valletta nhar l-Erbgha 26 ta' Jannar 2005 fi-11.00.a.m.

9. Tichad din it-talba *stante* nuqqas ta' provi.

10. Tapplika kontra l-konvenut, interament id-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;**

Bl-ispejjez kollha tac-citazzjoni attrici kontra l-konvenut.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut Andrew Fenech** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-attrici biss in kwantu l-istess hija kompatibbli ma' dak hawn deciz, **u filwaqt li tichad l-ewwel talba fil-kontro-talba kif proposta u tiddikjara l-firda personali biss ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u tichad it-tieni, it-tielet u s-seba' talba tal-kontro-talba *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, tilqa' l-kumplament tat-talbiet tal-konvenut fi-kontro-talba tieghu biss fis-sens hawn deciz u kif gja gie deciz fl-azzjoni attrici ta' kontra tieghu, b'dan illi:-**

1. Tichad it-talba tal-attur kif proposta *stante* dak li ta lok ghall-firda personai bejn il-partijiet ma' kienx l-agir tal-attrici, izda l-agir tal-konvenut u dana minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut konsistenti f'theddid, ingurji gravi, sevizzi, mohqrija u swat, b'dan li rrenda l-hajja bejn il-konjugi Fenech impossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabilment;

2. Tichad din it-talba ;

3. Tichad din it-talba;

4. Tilqa' din it-talba w ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti u dan b'effett minn Marzu 2000;

5. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti skond il-ligi u dan bil-mod segwenti anke kif spjegat fid-dettal iktar il-fuq f''din id-decizjoni u konsegwenti ghas-seba' talba attrici b'dan illi:-

Illi l-Qorti tassenja lill-attrici eskussivament id-dar li kienet matrimonjali bl-isem *"Thank God",* 56, Triq ix-Xitwa, Qormi tal-valur ta' tmienja u sittin elf lira (Lm68,000) flimkien mal-kcina, u l-oggetti kollha ta' go fiha, l-kamra tas-salott ta' taht it-tarag u l-entrata u l-*main bedroom* u l-ghamara kollha indikata u deskritta fl-atti tal-Mandat ta' Deskrizzjoni Numru 2514/2001 li kopja tieghu tinsab fl-atti tal-process, liema ghamara tinsab fl-istess fond. Kull dejn li sar personalment mill-attrici wara Marzu 2000 ghandu ovvjament jithallas minnha;

Illi l-Qorti qed tassenja lill-konvenut il-flats 30, Flora Flats, 1 u 2 Stagno Street, Qormi, tal-valur komplessiv ta' hamsin elf lira (Lm50,000), u l-fond 53 Dun Marju Street, Qormi tal-valur ta' hmistax-il lira (Lm15, 000), biex b'hekk il-konvenut qed jigi assenjat valur tal-immobbli fl-ammont ta' hamsa u sittin elf lira (Lm Lm65,000). L-ghamara kollha li tinsab fl-istess fondi assenjati lill-konvenut qed tigi assenjata wkoll lill-konvenut, flimkien mal-karozzi indikati mill-konvenut a fol. 112 tal-process konsistenti f'Volvo GAB – 117 bid-dejn kollha taghha u l-vettura Toyota;

Illi din il-Qorti tordna wkoll li l-fond immobbli “Cekcek Farm”, Tal-Hlas Road, Zebbug u n-negozju bhala *business concern* (inkluza l-licenzja ghall-kwota tal-qtil tal-majjali) ghandhom jinbieghu permezz tal-procedura tas-subasta, b’dan li mir-rikavat ta’ l-istess bejgh l-ewwel jithallas kull dejn relatatt man-negozju li kien jezisti qabel Marzu 2000, u l-bilanc mir-rikavat imbaghad jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet. Kull dejn tan-negozju li sar fil-mori tal-kawza u tal-proceduri tas-separazzjoni anke quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u dan b’effett mix-xahar ta’ Marzu 2000 ghandhom jithallsu mill-konvenut esklussivament, b’dan li tali dejn qed jibqa’ a karigu esklussiv tal-konvenut ghar-ragunijiet ukoll fuq spjegati;

Illi dwar kontijiet bankarji dawn ghandhom jibqghu fil-pussess tal-persuna li ghandha tali depozitu bankarju llum, b’dan ukoll li jekk hemm xi depozitu bankarju f’isem kongunt taz-zewg partijiet dan ghandu jinqasam bin-nofs bejn iz-zewg partijiet;

6. Tordna li ssir l-assenjazjoni fuq indikata u tinnomina lin-Nutar Mario Bugeja sabiex jippubblika l-att opportun u l-Avukat Dr. Anna Mallia sabiex tirraprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att u tordna li l-istess att ghandu jsir f’wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, Valletta nhar l-Erbgha 26 ta’ Jannar 2005 fi-11.00.a.m, kollox kif gja deciz konsegwenti ghat-tmin talba attrici;

7. Tichad din it-talba;

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba kontra l-konvenut Andrew Fenech.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------